MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Avviz Numru. 302/2007

**Jason Micallef**

**Vs**

**Edgar sive Eddie Aquilina**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Settembru 2007 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina ai termini tal-Att dwar l-Istampa bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta fil-harga tal-gurnal '*The Times'* ta' nhar il-Ħamis, sitta (6) ta' Settembru 2007, ippubblika artikolu taht ir-ras "*Red eyed boys*, *tourists and chapel*" fejn ghamel allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tal-istess attur bil-ghan li jtellfu jew inaqqaslu r-reputazzjoni tieghu, meta b'li kiteb u l-mod kif pprezentat b'qerq w ingann, allega li huwa jigdeb meta jitkellem fil-pubbliku u li huwa qal li jrid li Gvern Laburista jkun Gvern ghall-Laburisti biss, meta huwa jaf tajjeb li bil-maqlub, fl-okkazzjoni li ghamel referenza

ghaliha huwa enfasizza li "*Gvern Laburista ser ikun Gvern tal-Maltin u Ghawdxin kollha…"*

Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa s-segwenti:-

"*Illi l-publikazzjoni 'n kwistjoni mhux libelluza billi tikkonsisti f'espressjoni t'opinjonijiet dwar fatti li huma sostanzjalment korretti u t'interess pubbliku w ghalhekk protetti mill-Ligi, mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja."*

Illi nhar l-ghaxra (10) ta' Gunju 2008 xehed **Jason Micallef** w ghamel referenza ghall-artikolu miktub mill-konvenut fil-gazetta "*The Times*" nhar is-sitta (6) ta' Settembru 2007. Jghid li f'dan l-artikolu l-konvenut ittanta jghid li meta huwa jkun fil-pubbliku jkun qed jigdeb u meta ma jkunx fil-pubbliku jghid il-verita.

Jispjega li l-konvenut ghamel referenza ghal diskors li huwa ghamel waqt attivita socjali ta' Deputat Laburista, li huwa (l-konvenut) ma kienx prezenti ghalih. F'din l-okkazzjoni huwa kien stqarr li l-Gvern Laburista ser ikun gvern tal-Maltin u Ghawdxin kollha. Jghid li l-artikolu 'n desamina huwa malafamanti ghall-ahhar ghaliex jimmiskwota dak li effettivament kien qal. Fil-fehma tieghu, dan huwa strument car li johorgu ta' giddieb.

Ikkonferma li qabel ma kiteb dan l-artikolu, l-konvenut ma ghamel l-ebda kuntatt mieghu. Cahad dak li qal il-konvenut dwaru fis-sens li ma kienx minnu li huwa qal li l-Gvern Laburista ser ikun gvern tal-laburisti biss. Jghid li l-kliem li qal huma li "*hawnhekk qieghdin bejniethna u ha nghidilkom, li gvern laburista ha jkun gvern tal-Maltin u Ghawdxin kollha*."

Illi fl-erbgha (4) ta' Frar 2009 il-Qorti semghet ic-CD li esebixxa Dr. Pawlu Lia u dan seduta stante fil-presenza tal-partijiet. Il-partijiet qablu li f'dan id-diskors l-attur kien qal "… *li ser ikun Gvern tal-Maltin u l-Ghawdxin kollha, hawnhekk qeghdin bejnietna, mela le ser nkunu Gvern tal-Laburisti."*

Dr. Joseph Zammit Maempel ghall-konvenut, talab li ssir traskrizzjoni tad-diskors kollu li ghamel l-attur tas-silta esebita fic-CD fl-attivita socjali li zamm il-Perit Buhagiar.

Illi nhar l-erbgha (4) ta' Frar 2009 l-attur pprezenta nota li permezz taghha esebixxa registrazzjoni tad-diskors li ghalih l-konvenut ghamel referenza fl-artikolu tieghu.
Illi l-kliem li ntqal mill-attur huma is-segwenti:-

"..*Ilkoll flimkien issa ghan wiehed, direzzjoni wahda u m'hemmx argument bejnietna. U ser nkunu Gvern tal-Maltin u l-Ghawdxin kollha. U jien, hawn qiehdin nahseb tajjeb li nghidilkom se nkunu, mela le, Gvern tal-Laburisti li nwettqu gustizzja fl-ewwel xhur ta' Gvern Laburista. Din id-darba ma hemmx hafna titubar. M'ghandna xejn anqas minn Nazzjonalisti. Ghandna hafna nies tajbin. Ghandna talenti. Anzi ghandna hegga kbira ta' nies li jridu jidhlu fit-tmexxija kullimkien. Mhux l-inqas nies bhal Charles (Buhagiar)."*

Illi fis-sebgha (7) ta' Lulju 2009 xehed l-konvenut **Edgar Aquilina** u spjega dak li ried ifisser fl-artikolu li kiteb intitolat *"Red eyed Boys…"*

Ikkunsidrat:-

Illi din hija kawza ta' libell taht il-Ligi dwar l-Istampa. L-attur hassu malafamat b'artikolu li deher fil-gazetta "*The Times*" mahruga fis-sitta (6) ta' Settembru, 2007, miktub mill-konvenut. L-attur qieghed ifittex lill-imharrek ghad-danni minhabba dak li jinghad f'parti minn dak l-artikolu fejn jissemma b'ismu. Partikolarment ighid li hassu ngurjat meta l-konvenut ighid li l-attur qal, waqt li kien f'attivita pubblika socjali, l-kliem "*…expect me to tell the truth now, which is not exactly what I say when I am in public*" u li "*…. Labour will be a government for labourites*."

Illi l-azzjoni ta' libell mahsuba fil-Kap 248 trid titqies bhala azzjoni specjali li l-ghejjun taghha fil-bidu kienu mahsuba li jwettqu forma ta' kontroll dwar dak li jinkiteb jew jigi mxandar fil-gurnali. Mal-medda tas-snin, ix-xejra bdiet

iddur favur il-harsien tal-fama tal-individwu minn dak li jista' jinkiteb jew jinghad dwaru fil-mezzi stampati, fid-dawl tal-jedd l-iehor fondamentali tal-espressjoni hielsa tal-fehmiet ta' dak li jkun. L-azzjoni ta' libell hija ghalhekk, azzjoni eccezzjonali li wiehed idur ghaliha biss f'kaz fejn l-unur u l-gieh ta' persuna jkunu gew imkasbrin jew miftuha ghad-disprezz tal-pubbliku b'dak li jinghad jew jigi mxandar dwaru. Fil-qafas ta' dawn il-parametri, u kif imfissra mill-aktar sentenzi aggornati tal-Qrati Maltin u barranin dwar din il-kwestjoni, l-ghoti ta' rimedju li jinghata taht azzjoni bhal din, qieghed kulma jmur, ixaqleb lejn il-jedd tal-espressjoni hielsa. Il-htiega tal-harsien mill-ligi lill-unur u r-reputazzjoni ta' persuna, m'ghandux, b'riflessjonijiet w induzzjonijiet bla qies, johonqu l-espressjoni hielsa (vide App. Krim. Inf. **13.6.1985** fil-kawza fl-ismijiet ***Mifsud Bonnici et vs Farrugia noe et)***;

Illi l-jedd tal-espressjoni hielsa, kif imfisser fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u wkoll fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet fundamentali (liema artikolu hu nkorporat fil-ligi taghna bid-dispoizzjonijiet tal-Att XIV tal-1987 (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta), jigbor fih il-jedd li kull persuna jkollha w izzomm fehmiet bla ndhil minn hadd u li tircievi minghand u tghaddi lil haddiehor idejat u taghrif bla ndhil.

Minhabba li dan il-jedd igib mieghu dmirijiet u responsabbiltajiet, ghandu jkun fih xi limitazzjonijiet kif imsemmi fil-ligi u li jkunu mehtiega f'socjeta' demokratika. Fost dawn il-limitazzjonijiet wiehed isib, il-harsien tal-fama u tal-jeddijiet ta' persuni ohrajn mill-effetti tal-ezercizzju tad-dritt tal-espressjoni hielsa ta' dak li jkun (vide Kost. **15.5.1995** fil-kawza fl-ismijiet ***Grech vs Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.148**). Ma jistax ikun ghalhekk, li l-Istampa u l-mezzi l-ohrajn ta' komunikazzjoni, ma jkunux milquta b'dawn il-limitazzjonijiet (App. ~ iv. **15.11.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Borg vs Camilleri et*** (Kollez. Vol 11 LXXXVIII.ii.372).

Illi t-tifsir moghti mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'ghadd ta' kazijiet lill-imsemmija dispozizzjonijiet tal-ligi, iqis, fost l-ohrajn u b'mod ewlieni, is-siwi tad-

dibattitu politiku hieles bhala wahda mis-sisien fejjieda ta' stat demokratiku. Dan it-tifsir dejjem gharaf bejn kritika li ssir fil-konfront ta' persuna li hija mdahhla fil-hajja pubblika (jew politika) bhal l-attur u persuna li m'hijiex.

Minn dan johrog li l-ezami ewlieni li ghandu jaghmel il-gudikant huwa dak li jqis, jekk il-kliem ippubblikat jew imxandar, jikkawzax lill-persuna li ghaliha dik il-pubblikazzjoni jew xandira tirreferi, nuqqas ta' stima f'ghajnejn min ikun qraha jew semaghha. Tali "udjenza" ghandha tigi meqjusa bhala qarrejja jew semmiegha ta' dehen normali li jkunu taw lill-kliem pubblikat jew imxandar it-tifsira normali tieghu (vide P.A. FGC **8.10.1993** fil-kawza fl-ismijiet ***Victor Pace vs Joe Azzopardi et*).**

Illi ghar-rigward ta' persuna fil-qasam pubbliku, u partikolarment fil-qasam politiku, l-livell ta' kritika li l-ligi tal-Istampa tittollera, huwa x'aktarx gholi, azzardat u hi wiesgha, u cirkostkritt biss minn prova ta' hazen jew infondatezza tal-fatti msemmija jew mid-dicenza pubblika jew xilja ta' abdikazzjoni ta' dmirijiet imposti fuqha. Meta l-persuna li ghaliha ssir riferenza fil-pubblikazzjoni jew ixxandira li tkun m'hijiex persuna fizika, imma wahda guridika, il-qilla tal-kritika w it-tolleranza taghha hija usa' sal-grad li mbasta tkun tollerabbli f'socjeta' demokratika (App. ~ iv. **8.11.1995** fil-kawza fl-ismijiet ***Gauci vs Schiavone noe et*).**

Illi skond ma qal viva voce li l-konvenut, dan kien qed jirraporta dak li suppost qal l-attur f'attivita socjali li zamm ghall-Perit Buhagiar. Illi pero ma jghidx minn fejn kien qed jikkwota. Illi minn ezami tac-CD li kellu d-diskors intier ta' dak li verament qal l-attur f'dik l-attivita, jirrizulta li m'huwiex minnu li l-attur qal dak li rraporta l-konvenut dwaru w ghalhekk, jirrizulta b'mod manifest li dak li rraporta l-konvenut, huwa nvertier u zgur li huwa malafamanti. M'hemmx dubbju li tghid li bniedem jitkellem mod fl-gheluq u mod iehor fil-pubbliku, jitfa dell ikrah ghal min tkun ir-referenza. Analizi bhal dik taffettwa il-kredibilta ta' dak li jkun. F'dan il-kaz ma nistghux ninsew li l-attur jokkupa l-kariga ta' Segretarju Generali ta'

Partit Politiku w ghalhekk, huwa bniedem t'integrita u l-poplu ghandu juri r-rispett lejn il-kariga tieghu.

Minn naha l-ohra l-attur ghandu jinzamm responsabbli ghal dak kollu li jghid, pero m'ghandux jinzamm responsabbli ghal dak li jinghad dwaru molto piu meta dak li ntqal, jirrizulta li ma kienx minnu.

Il-konvenut jipprova jghid fix-xhieda tieghu, li hu ma xtaqx ighid dak li effettivament inftiehem w in oltre huwa rraporta dak li gie rappurtat lilu.

Huwa necessarju f'din l-istanza li l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet ***Pulizija vs Onorevoli Perit Michael Falzon,*** decizjoni moghtija fil-hmistax (15) ta' Dicembru 1977 fejn qalet:-

*"Illi huwa wkoll stabbilit fil-gurisprudenza taghna li l-gudikant ghandu jara dak li ragonevolment jifhem il-qarrej ta' intelligenza ordinarja: it-test tal-karattru libelluz o meno ta' artikolu li jikkonsisti fl-impressjoni li jhalli l-artikolu fuq il-qarrej ordinarju".*

Dan huwa t-test li l-Qorti trid tuza sabiex tasal ghall-konkluzzjoni taghha.

Kif qal l-awtur **Gatley** fil-ktieb '***Libel and Slander***':-

*"Any imputation which may tend to lower the plaintiff in the estimation of right thinking members of society, to cut him off from society, or to expose him to contempt or to redicule is defamatory of him".*

Illi kif nghad fis-sentenza moghtija nhar is-sitta w ghoxrin (26) t'April 2002 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Rev. Dr. Joseph Bezzina u Joseph Debono,*** hija gurisprudenza pacifika 'n tema ta' libell, li ma hiex mehtiega ghall-integrazzjoni tar-reat in dizamina l-intenzjoni specifika tal-kittieb li jivvilifika; huwa bizzejjed li jigu ppubblikati kliem li bhala fatt joffendu r-reputazzjoni ta' dak li jkun.

Kif inghad mill-kompjant Imhallef William Harding fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-tmienja (8 ) ta' Jannar, 1959 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Micallef Stafrace***, li fil-gurisprudenza ngliza illi:-

*"The law looks at the tendency and at the consequences of the publication, not at the intention of the publisher…If the defendant has published words which have in fact injured plaintiff's reputation, he must be taken to have intended the consequences naturally resulting from his act."* (Kollezz. Deciz. XLIII, D, part. iv, 880, pagni 908-909).

Il-gurisprudenza baqghet tigi segwita anke taht ir-*regim* tal-Kap. 248, jigifieri l-Att dwar l-Istampa tal-1974 (ara ***Il-Pulizija v. Anthony Montanaro u Joseph Busuttil*** App. Krim., 23 ta' Settembru, 1976; ***Il-Pulizija v. Onor. Perit Michael Falzon u Paul Spiteri*** App. Krim., 15 ta' Dicembru, 1977).

Anke jekk wiehed jara kif inhu formulat l-Artikolu 11 tal-Kap. 248, jidher car li l-*animus iniuriandi* hu mehtieg biss ghall-fini tal-paragrafu (a) tal-imsemmi artikolu, u cioe` meta "fil-malafama, jigu attribwiti lil dik il-persuna [malafamata] fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama taghha, jew li jesponiha ghar-ridikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku…" (sottolinear tal-Qorti).

Ghalhekk fil-ligi taghna, il-kwistjoni tal-*animus iniuriandi* fil-kaz ta' libell, taffettwa, proprjament, il-piena li ghandha tigi erogata, izda mhux l-ezistenza o meno tar-reat.

Il-Qorti ghalhekk ghamlet dak l-esercizzju ta' qarrej ordinarju u hija tal-fehma li dak li gie rappurtat, huwa malafamanti.

**Illi fil-fehma tal-Qorti dak li rrapporta l-konvenut fl-artikolu tieghu, jammonta ghall-allegazzjonijiet foloz w huma asserzjonijiet malafamanti w inveritieri w ghalhekk qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u tilqa it-talba attrici u qieghda tillikwida d-**

**danni sofferti mill-attur fis-somma ta' elfejn u hames mitt euro (€2500) u tordna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma hekk likwidata.**

**L-ispejjez u l-imghax huma a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------